

# Tislima lill-Verġni Mbierka

Marija Grima

L-oħla tislima
Minn qalbi nagħtik,
O Verġni mbierka
Il-ferħ insib fik.

Int tfarraġ lil qalbi
B'dan ismek sabiħ,
Għalhekk O Marija
Irrid nagħtik ġieħ!

Għax lili Inti tajtni
L-isbaħ teżor,
Li lili jhennini
Fil-ħelu, fil-morr!

Jien lilek insejjaħ
Fil-hemm, fit-tiġrib,
Ghax Int l-Omm li ma' binha
Sofriet taħt is-salib!

Int l-Omm wisq qaddisa
Ta' Kristu l-Feddej,
Int l-Omm li tħarisni
Issa u f'li ġej.

Infaħħrek u nħobbok
Omm tiegħi Marija,
Seddaqni, wettaqni
Fl-Ewkaristija!

*For Quality Metal Works
at Competitive Prices*





**JOE GAUCI**
**METAL WORKS**

7 Marfa Road, Mellieħa
Tel: 2152 0566 • Mob: 7904 6976